# Il-logħob tan-nar f'Malta

## *(l-ewwel parti)*

Kitba ta' Carlston Grima ©

Il-manifattura tal-logħob tan-nar għandha storja twila, imma l-iżvilupp tal-arti piroteknika kiber maż-żmien. L-iskoperta tal-logħob tan-nar, jew aħjar l-oriġini tal-porvli, tidher li seħħet b'kumbinazzjoni madwar elfejn sena ilu. Leġġenda popolari tgħid li l-logħob tan-nar skoprieh, jew ivvintah, kok Ċiniż li aċċidentalment ħallat il-faħam, il-kubrit u n-nitru. It-taħlita mbagħad inħarqet u meta ppressaha ġo tubu magħmul mill-bambù, din splodiet.

Iċ-Ċina hija kkunsidrata bħala l-post tat-twelid tal-porvli. Din it-taħlita bikrija msemmija hawn fuq saret tissejjaħ "porvli" iżda fiċ-Ċina tissejjaħ *huo yao*, kelma li tfisser sustanza kimika tan-nar. Ċertament illi llum iċ-Ċina tmexxi lid-dinja fil-volum ta' produzzjoni tal-manifattura tan-nar u fl-esportazzjoni. L-invażjoni ta' logħob tan-nar Ċiniż irħis f'kull pajjiż, affettwa b'mod profond il-produzzjoni domestika, tant li ftit baqgħu meqjusa bħala kumpaniji oriġinali (Lancaster, it-tielet edizzjoni, 42-44). Fiċ-Ċina l-pirotekniċi huma rispettati ħafna għall-għerf tagħhom ta' teknika kumplessa fil-ħdim tal-wirjiet pirotekniċi.

Il-Ġappuniżi jipproduċu wkoll logħob tan-nar mill-isbaħ. Fil-fatt jgħidu li l-kelma *Hanabi* (Hana tfisser fjuri u Bi tfisser nar), il-kelma Ġappuniża għal-logħob tan-nar, inkitbet għall-ewwel darba fl-1585. Flimkien ifissru fjuri tan-nar li tikkorrispondi għal-logħob tan-nar fil-Ġappuniż. Għal ħafna żmien il-logħob tan-nar Ġappuniż kien magħmul mill-porvli, imma bl-introduzzjoni tal-klorat tal-potassju fl-1880 mill-Ewropa, bdew deħlin riċetti ta' fjammi kkuluriti. Illum l-istilla Ġappuniża hija meqjusa bħala l-aħjar waħda fid-dinja. Illum fil-Ġappun ħafna mix-xogħol tan-nar hu esportat fl-Ewropa u l-Amerka, għalkemm jintuża ħafna xogħol internament (Lancaster, it-tielet edizzjoni, 41-42).

F'Malta l-logħob tan-nar hu ħaġa ta' kuljum u jirrifletti l-emozzjonijiet tan-nies. Il-logħob tan-nar huwa karatteristika Mediterranja fi ħdan iċ-ċelebrazzjonijiet, l-istorbju, u l-kulur; espressjoni li ssib fil-festi reliġjużi ġewwa l-irħula u l-bliet Maltin (Farrugia 17). George Plimpton fuq il-logħob tan-nar f'pajjiżna jgħid hekk:

*"If there is one country which rivals Japan in pyrotechnical activity, it would be the tiny island of Malta in the Mediterranean. ... It is said that every scrap of paper on the island eventually ends up in aerial bomb casting, and even that a man who successfully completes a morning shave without a cut is quite likely to celebrate the feat by shooting a rocket out of a window."*



*George Plimpton*

Għalkemm f'din il-kwotazzjoni esaġera xi ftit, huwa minnu li f'Malta, din it-tradizzjoni hija qadima u għandha storja interessanti mhux biss għall-prattika militari matul avvenimenti dinjin li huma miktubin fl-istorja lokali u internazzjonali imma marbuta wkoll mal-festi reliġjużi (Farrugia 17). Qabel ma waslu l-Kavallieri fostna ftit li xejn jingħata tagħrif dwar l-importanza tal-logħob tan-nar fil-festi għajr forsi xi ħġejjeġ u l-fjakkli li kienu jinxtegħlu. Iżda l-ħuġġieġa li tissemma minn San Luqa aktar kienet titqabbad biex iddawwal jew bħala għodda siewja biex tarmi s-sħana fil-jiem kesħin tax-xitwa, kif fuq kollox ġara fil-merħba li l-Maltin taw lil San Pawl u l-ekwipaġġ li rifes fuq ix-xtajta. Il-ħuġġieġa ħadet tifsira oħra meta lejlet San Ġwann, il-qaddis patrun tal-Ordni kienu jqabbduha bħala illuminazzjoni

biex id-dawl jagħti l-ħajja lid-dlam tal-lejl u jtawwal il-festa filgħaxija fost dawk li riedu jibqgħu jiċċelebraw. Aktar minn hekk, in-nar kien minn dejjem turija, mod kif wieħed joħroġ l-emozzjoni moħbija fil-qalb, mixgħula bi tqanqiliet jaħarqu għal dak li jrid juri fl-estern.

Aneddotu ħelu, aktarx leġġendarju, li nisimgħu fit-tfulija jagħti tifsira oħra, dik li fit-twelid ta' San Ġwann il-Battista tqabbdet ħuġġieġa biex tħabbar il-ferħ ta' dan it-twelid. Missirijietna kienu wkoll ifakkru li s-sajf jibda ma' din il-festa u għandna propju l-qawl "qabel il-ħġejjeġ tbiddilx ħwejjeġ". Mill-ġdid immorru fl-era tal-Ordni li nisslet iżjed fatti awtentiċi li jsaħħu t-teorija li l-logħob tan-nar ġabuh magħhom il-Kavallieri (Coleiro 51). Fil-fatt fi żmien l-Ordni, il-kavallieri kienu jagħmlu esebizzjonijiet bin-nar bħall-monarkiji oħra madwar l-Ewropa, bħal meta jilħaq il-Gran Mastru ġdid, ċelebrazzjonijiet bil-mużika u spettakli. Attivitajiet oħra kienu jsiru meta jilħaq isqof ġdid jew kanonku jew meta jkun elett Papa ġdid. Logħob tan-nar ieħor kien jinħaraq f'anniversarji ekkleżjastiċi bħal meta tingħata relikwija ta' xi qaddis lil xi knisja (Farrugia 21).

Ġużè Cassar Pullicino jikkwota minn ġurnal manuskritt tal-1762 b'kitba ta' Ignazio Saverju Mifsud, li fih jgħid li nhar it-8 ta' Frar kien ħa l-pussess tiegħu l-Kanonku D. Ġwakkin Cucciardi u minbarra l-mixegħla "kien hemm ukoll logħob tan-nar". Jidher għalhekk li n-nar ma kienx jinħaraq biss fil-festi kif nifhmuhom aħna, iżda wkoll f'xi okkażjoni li ġġorr magħha avvenimenti oħra fil-ħajja tal-bniedem. B'rabta iżjed mill-qrib mal-festi tal-qaddisin, nhar Santa Barbara, il-patruna tal-bumbardieri, kien isir ukoll il-logħob tan-nar u jissemmew festi oħra bħal dik tal-Karmnu fil-Belt meta n-nies kienet tinġabar bi ħġarha biex tara din il-wirja quddiem il-knisja fi Triq it-Teatru. Jissemma wkoll in-nar li sar meta nħatar il-Papa fl-1758 u meta kien jilħaq re ġdid ta' Napli (Coleiro 51).

Nifhmu li dan il-logħob tan-nar qatt ma resaq ħdejn l-ispettaklu li kompla jikber maż-żmien iżda kien biżżejjed biex lill-Maltin jagħtihom u jderrilhom użanza oħra fil-festi ta' barra, jew esterni. Irridu ngħidu wkoll li aħna bħala poplu qatt ma qgħadna lura meta tidħol xi drawwa minn pajjiż ieħor, u fi żmien l-Ingliżi, meta saret wirja oħra tal-logħob tan-nar fl-1876 waqt iż-żjara tal-Prinċep Albert, is-sieħeb tar-Reġina Vittorja, ix-xrar ta' dak in-nar kebbes il-ħrara biex id-dilettanti jidħlu għal xogħol bħal dan u jkabbru l-festi. Dakinhar kien sar dak li baqa' jissejjaħ il-ġiggifogu. Dan il-ġiggifogu kien inħadem minn Ingliż bl-isem ta' Pain u Castagna jkompli li "minn dik id-darba l-imgħallmin tagħna u d-dilettanti tal-porvli tgħallmu dak li kienu għadhom ma jafux u bdew jaħdmu tajjeb daqs Pain" (Farrugia 24).

Bl-esperjenza li kellhom il-bumbardiera Maltin mill-balal tal-kanuni malajr żviluppaw kif jistgħu jisparaw minn reċipjenti tal-bronż b'toqba fin-nofs fejn kien jintrass l-porvli għax b'niċċa taqbad fit-tarf sabu li l-kuntatt tan-niċċa mal-porvli joħloq splużjoni. Dawn kienu l-maskli, li bejn l-1700 u l-1900 kienu popolari ħafna u sa ftit ilu kienu parti integrali mill-festi u llum sabu ruħhom f'xi mużew ta' knisja jew għand xi ħadd li jaf jgħożż dawn it-tifkiriet mill-festi tal-imgħoddi. Sa ftit snin ilu wieħed seta' jara dawn il-maskli fil-bitħa ta' biswit il-knisja ta' San Ġorġ, Ħal Qormi (Coleiro 52). Fit-Tieni Gwerra Dinjija kienu jintużaw bħala twissija għal xi errejd (Farrugia 18).



*Maskla tal-bronż*

*Ikompli f'paġna 30*

Issemmew l-Ingliżi, iżda d-daqqa tal-imgħallem taha l-espert Taljan. Bil-gżejjer tagħna daqshekk qrib, kien eħfef li jinġiebu t-Taljani miċ-Ċiniżi li kienu bdew is-sengħa tal-piroteknika. It-Taljani li esperimentaw u rfinaw fix-xogħol ta' dak in-nar kienu għażla ħafifa, aktar mill-Ingliżi li mill-istorja tagħhom ħadu l-episodju ta' meta Guy Fawkes ried itajjar bil-bombi l-*House of Commons*. Sal-lum *Guy Fawkes Day* għadha tiġi mfakkra fil-5 ta' Novembru fir-Renju Unit bil-logħob tan-nar, iżda l-Maltin ta' qabilna kellhom il-fehma li dan in-nar kien jiġi importat minn pajjiżi oħra u l-esperjenza tat-Taljani rebħet fuq id-dilettantiżmu (Coleiro 52) ...

*(L-istorja tal-logħob tan-nar tkompli fil-ħarġa li jmiss tas-sena d-dieħla)*

**Biblijografija**


Aquilina, Isaac, In-Nar f'Ħal Għargħur: Storja ta' Raħal u ftit tagħrif ġenerali. Malta: Bonnici P., 2010. Stampat.

Coleiro, Charles. Il-Festi Tagħna, Malta: PIN, 2003. Stampat.

Farrugia, Godfrey. *Pyrotechnic Malta.* Malta: Best Print, 2012. Stampat.

Lancaster, Ronald. *Fireworks: Principles and Practice* (it-3et ed.i). L-Istati Uniti: Chemical Publishing Co., Inc., 1998. Stampat.

Mallia, Phyllisienne. 'Il-Logħob tan-Nar: Stħarriġ Etnografiku bi Glossarju.' Teżi tal-BA (Unuri). L-U ta' Malta, 2008. Stampata.



Ramija™
SELF-SERVICE
77, Ramija Street, Siġġiewi
All types of groceries, including Detergents, Cheese counter, Minerals and much more at unbeatable prices.
Various offers available.
Mobile: 9901 2473


